**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum it-Tnejn, 15 ta' April 2019**

Numru 2

**Rikors Guramentat Nru. 1210/2018**

**FM Core Limited**
**vs**
**Stainless Steel Products Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta attrici tal-4 ta' Dicembru 2018 li jghid hekk:

Illi, fis-7 ta' Mejju 2017, is-socjeta intimata kienet iffirmat erbgha kambjali a favur dik rikorrenti, ghas-somma komplessiva ta' mija u tlettax-il elf ewro (€113,000), kopji ta' liema kambjali qed jigu hawn annessi u immarkati bhala "Dok. FM1, FM2, FM3, u FM4".

Illi minkejja illi l-kambjali imsemmija skadew fil-wiehed u tletin (31) ta' Awwissu 2018, fit-30 ta' Settembru 2018, fil-31 ta' Ottubru 2018, u fit-tletin (30) ta' Novembru 2018 rispettivament, is-socjeta intimata naqset milli tonora l-istess kambjali.

Illi minkejja illi s-socjeta intimata giet interpellata sabiex thallas din naqset milli tottempera ruhha.

Illi dan id-debitu huwa cert likwidu u dovut u fl-opinjoni tas-socjeta rikorrenti dik intimata ma ghandhiex eccezzjonijiet x'taghti u ghalhekk il-kawza tista' tigi deciza abbazi tal-artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tghid ghalhekk is-socjeta intimata ghaliex din il-Qorti ma ghandhiex: [1] taqta' u tiddecidi l-kawza abbazi tal-artikolu 167 tal-Kap. 12 u cioe bid-dispensa tas-smigh; [2] tiddikjara lis-socjeta intimata bhala debitrici tas-socjeta rikorrenti fis-somma komplessiva ta' mija u tlettax-il elf ewro (€113,000.00); [3] tordna lis-socjeta intimata sabiex thallas lis-socjeta rikorrenti dik is-somma hekk likwidata. Kollox skont kif gie dikjarat aktar 'l fuq u ghar-ragunijiet premessi.

Bl-imghax u bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru intavolat fil-15 ta' Novembru 2018 bin-numru 1801/18 u dak intavolat kontestwalment mal-prezenti kontra s-socjeta intimata li minn issa tibqa' ingunta ghas-subizzjoni taghha.

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta' ammissjoni tas-socjeta konvenuta tal-11 ta' April 2019 fejn l-istess socjeta konvenuta ammettiet it-talbiet attrici kif dedotti fir-rikors promotur.

**Decide**

Il-Qorti qed tiddisponi mill-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma komplessiva ta' mija u tlettax-il elf ewro (€113,000.00) skont it-talbiet u dokumenti esebiti, bl-imghax u l-ispejjez ghas-socjeta konvenuta.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur